Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-8 ta' Mejju 2023**

**Kaz Nru. 4772/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Versus**

**Francis Grech**
**(0535565M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Francis Grech** ta' 56 sena, iben Nazzareno u Mary Rose nee' Spiteri, imwieled Pieta' fit-22 ta' Novembru, 1965, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 0535565M, u residenti 112, Triq l-Ifran, Valletta.

Akkuzat talli :

1. Fil-lejl tal-14 ta' Lulju u l-15 ta' Lulju, 2022 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu u/jew fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-Belt, Valletta, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' Spettur Gabriel Micallef u PS 39 Jean Paul Zahra, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

2. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded u/jew ghamel offiza fuqi l-persuni ta' Spettur Gabriel Micallef u PS 39 Jean Paul Zahra, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew

minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom, kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid lil Karl Giglio, Alexander Giglio u Floyd Carbonaro, jew jekk ikun ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

4. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi naqas illi jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija;

5. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

6. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta presjeduta mill-Magistrat Dr G. Vella LL.D. nhar it-28 ta' Mejju, 2021, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

7. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Monica Vella LL.D. fid-digriet moghti nhar it-2 ta' Lulju, 2022 u digriet /i sussegwenti, li bih ta' l-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Francis Grech u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Francis Grech, u dan ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex id-depozitu u s-somma bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Karl Giglio, Alexander Giglio u Floyd Carbonaro jew ghaz-zamma tal-odni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat Francis Grech, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tal-24 ta' April 2023.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-partijiet qablu illi fic-cirkostanzi li ghaddej minnhom l-imputat, ma' tkunx idonea piena karcerarja effettiva, kif ukoll illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna rigward is-sahha mentali tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 49, 50, 95, 96(a), 338(dd)(ee), 339(1)(e) u 579(2) tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **Francis Grech hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna

li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lil hati **Francis Grech** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **Francis Grech b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum ghall-**protezzjoni ta' Karl Giglio, Alexander Giglio, Floyd Carbonaro, Spettur Gabriel Micallef u PS 39 Jean Paul Zahra**. Il-Qorti fissret lil hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

**Inoltre ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi, din il-Qorti qeda torbot lil imputat **Francis Grech**

b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Karl Giglio, Alexander Giglio, Floyd Carbonaro, Spettur Gabriel Micallef u PS 39 Jean Paul Zahra**.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

**Illi l-Qorti b'referenza ghas-sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti hekk preseduta, fl-ismijiet 'Pulizija vs Francis Grech' Kaz Numru 2022/2023 (Distrett Belt) qed tirrakkomanda lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole sabiex l-imputat jigi assenjat Probation Officer wiehed sabiex isegwih ai fini tal-Probation and Treatment Orders moghtija fiz-zewg sentenzi.**

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**